**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 18**

**9 ta' Lulju 2025**

Il-laqgħa numru 18 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 9 ta' Lulju, 2025, fil- 16.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier (onlajn) |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Miriam Camilleri - Viċi Sindku

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv
Pulizija 1209 u 2144 – ufficjali tal-komunita'
Karl Cutajar - Accountant

| | |
|---|---|
| **18** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa kien hemm ittra ta' apoloġija waħda mingħand Miriam avolja Reno kien talab li jidħol onlajn peress li kien imsiefer. |
| | |
| **18.1** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| | Il-minuti kienu imqassma b'email qabel. Intbagħtu xi korrezzjonijiet minn Matthew u dawn ġew ikkoreġuti. Għalhekk il-minuti ġew approvati bil-proponent tkun Matthew u sekondant ikun Daniel. |
| | Il-Petty Cash u l-iskeda tal-pagamenti kienu ukoll approvati bil-proponent ikun Matthew u sekondant ikun Daniel. |
| | |
| **18.2** | **Komunikazzjoni mis-sindku** |
| | Is-Sindku informa li lill-operaturi tal-boat trips, il-kunsill kien qed joħroġ permess ta' tabella u umbrella ħdejn il-ħolqa. Peress li qatt ma rċivejna l-informazzjoni li ntalbet għad-dettalji tas-sidien tal-operaturi bil-permess, minn qed jiġi japplika, qed jintbagħatu lil TM għal konferma. Qed insibu li hemm operaturi li m'għandhomx permess u għalhekk il-kunsill mhux qed joħroġ il-permess.<br><br>Dan il-permess inħareġ b'numru ta' kundizzjonijiet li l-ebda waħda mhi qed tiġi imħarsa minn l-ebda operatur anzi żdiedu ir-riklami. L-ombudsmann kiteb f'isem persuna li topera l-boat trip u fuq dan irrispondejna. Is-Sindku qal li l-ombudsman ukoll kien tkellem fuq l-imwejjed u siġġijiet imma qatt ma sar xejn. Fl-artiklu li deher kien hemm ħafna irregolaritajiet. Il-Pulizija 1209 saqsa hekk TM hux ħa tieħu azzjoni peress li l-kunsill m'għandux direzzjoni. Is-Sindku qalu li s'issa ma kellux informazzjoni. Matthew saqsa hekk il-pulizija jistgħux jinfurzaw fuq permessi li ħarġu mill-kunsill.<br><br>Il-pulizija wieġeb li huma jistgħu jakkumpanjaw il-membri mill-kunsill għal buon ordni imma ma jistgħux jinfurzaw. Matthew qal li kien hemm bżonn li meta l-operatur jiġi jgħamel il-permess iġib miegħu ukoll dikjarazzjoni mingħand nutar u siteplan fejn hi l-ħolqa tiegħu li fuqha qed jgħamel il-permess. Steve qal li kien hawn resident li kitbet email sabiex tieħu permess mingħand il-kunsill biex topera. Dan hu operatur li għandu rmiġġ f'nofs ta' bajja imma mhux minn mal-art. Għalhekk l-DES qrat l-email li intbgħatet.<br><br>Daniel qal li l-ħlas għal din hi aktar għolja minn permessi b'xejn li qed jgħatti l-kunsill. Steven qal li la hi lesta li tħallas u li lesta li toqgħod mar-regolamenti li qed joħroġ il-kunsill hu ma jsibx oġġezzjoni. Matthew qabel mas-sindku u qal li dawk li għandom il-ħolqa f'nofs ta' baħar u ma jistgħux joperaw minn hemm, inkunu nistgħu intuhom il-post aħna minn fejn joperaw sakemm jimxu mad-direttivi li jingħataw.<br>Daniel qal li la ħadd mhu jobdi ir-regolamenti maħruġa mill-kunsill għandom |

| | |
|---|---|
| | jieqfu l-permessi. Il-kunsill għandu jarraf ukoll lil jobs plus sabiex l-operaturi jkunu kollha reġistrati bħala self-employed u anke jirreġistraw in-nies li jħaddmu. Għandhom ukoll ikun hemm spezzjonijiet mid-dipartiment tal-VAT u liċenzja għanda tiġi mġedda permezz ta' eżami meta tiskadi.<br><br>Hu jaħseb li la l-permessi ħarġu s'Awwissu dawn għandom jiġu onorati. Matthew żied li hu kontra li jkun hemm aktar linji max-xatt imma hekk dan u l-unika soluzzjoni hemm bżonn li jsiru mill-aktar fiss. Minn Awwissu biex jiġġedded il-permess għanda tiżdied ukoll id-dikjarazzjoni mill-operatur li l-ħolqa hi tiegħu.<br><br>Il-Pulizija qal li hekk ikun hemm il-linji huma jkunu jistgħu jinfurzaw u jiġbru l-affarijiet li jkunu l-barra. Is-Sindku wieġeb li ritratti tal-affarijiet mhux kif jgħid il-permess intbgħatu lil-OPM u anke lil Ministeru. Hu jaqbel li hekk ma jiġri xejn sa Awwissu l-permessi jiġu mwaqqfa. Bħala kunsill kien hemm qbil li jkun hemm venda. Hekk TM għanda pjan hi tkun responsabli hi għal dan. Iktar il-quddiem nitkellmu ukoll fuq l-imwejjed u siġġijiet. Matthew qal li anke l-MPs jistgħu jgħinu f'dan għax jistgħu jgħamlu PQs fuq il-ħoloq, kif ukoll kemm kien hemm spezzjonijiet minn Jobsplus u tal-VAT.<br><br>Reno saqsa ser jiġri minn Awwissu. Matthew kompla li skontu hekk ma jkunx hemm progress il-permessi jieqfu. Reno qal li jaqbel li jkun hemm ukoll siteplan bin-nutar jew avukat. Dan sabiex il-pulizija jkun jaf minn fejn l-operatur jista' jopera. Reno qed jissuġġerixxi ukoll press release li fiha il-kunsill jiddikjara li TM ma tridx tgħati l-informazzjoni.<br><br>Dak l-operatur li għandu l-irmiġġ f'nofs il-baħar ma jistgħax jopera mal-ħolqa u għalhekk ser jingħata permess mill-kunsill li jopera minn post partikolari sakemm jobdi regoli tal-kunsill. Fuq dan kien hemm qbil. Reno saqsa hekk l-operatur joħroġ barra mil-linji indikati mill-kunsill, ser jingħata multa? Il-pulizija wieġeb li l-affarijiet ser jinġabru mill-kunsill bil-pulizija preżenti bħala buon ordni. Is-sindku wieġeb li l-pulizija ilhom jinżlu bħala buon ordni mal-kunsill fuq il-monti u bis-saħħa t'hekk il-monti ġie organizzat ħafna. Hemm 2 bejjiegħa li ma jridux jiċċaqalqu avolja kien hemm każ il-qorti u ntrebaħ mill-kunsill, imma issa fetħu każ mal-kamra tal-kummerċ.<br><br>Is-Sindku qal li hu jaħseb li l-kunsill għandu joħroġ permess biex l-operatur jopera fil-kaxxa indikata, bl-umbrella u tabella skond il-qis li ta' l-kunsill kif ukoll is-siteplan u dikjarazzjoni mingħand in-nutar li dik hi l-ħolqa tiegħu. L-importanti li kollox jiżżarma wara l-operat ta' kuljum. Fuq din kien hemm qbil u għalhekk kienet ser issir ittra.<br><br>Il-pulizija saqsa x'ħa jiġri b'dawk li huma ħdejn xulxin? U s-Sindku wieġeb li dik hi responsabilta' ta' TM. |
| | Is-Sindku qal li hu u DES kellu meeting mal-operaturi tat-taxis il-bojod. F'din l-email ġie diskuss li<br>• **Triq Duncan**<br>• L-ewwel parkeġġ fi Triq Duncan minn naħa tal-pjzza jkun riservat |

| | |
|---|---|
| | għat-taxis 24/7 is-sena kollha.<br>• Iż-żewġ spazji għall-parkeġġ ta' warajh se jkunu riżervati għat-taxis matul is-sajf (April – Ottubru) tul il-ġimgħa kollha bejn is-7:00am u d-19:00. Il-parkeġġ ikun bla restrizzjonijiet wara d-19:00. Fix-xitwa(Novembru – Marzu), dan japplika wkoll nhar ta' Erbgħa u l-Ħadd bejn is-7:00am u d-19:00. Il-parkeġġ ikun bla restrizzjonijiet wara d-19:00.<br>• **Fil-Car Park Magħluq**<br>o Seba' spazji għall-parkeġġ viċin il-Hunters Towers se jkunu riżervati għat-taxis fis-sajf tul il-ġimgħa kollha bejn is-7:00am u d-19:00. Il-parkeġġ ikun bla restrizzjonijiet wara d-19:00. Fix-xitwa, dan japplika wkoll nhar ta' Erbgħa u l-Ħadd bejn is-7:00am u d-19:00. Il-parkeġġ ikun bla restrizzjonijiet wara d-19:00.<br><br>Matthew issuġerixxa li fi Triq Duncan, it-tieni u t-tielet parkeġġ jinqgħu reserved għat-taxis sas-18.00hrs minflok sas-19.00 minħabba li r-residenti jkollhom bżonn jużaw il-parkeġġi f'dan il-ħin u d-domanda għat-taxis tonqos. Il-kunsilliera qablu ma dan u DES kellha tinforma lill-Assoċjazzjoni tat-taxis. |
| | Peress li l-accountant kien online, is-sindku issuġġerixxa li jiġi diskuss item 18.7 |
| | |
| **18.7** | **Business Plan** |
| | L-accountant spjega li kien ilu ma jsir Business Plan u dan suppost isir kull sena minħabba audit. Għalhekk hu u l-DES għamilna wieħed ta' sentejn. Id-DES spjegat ukoll li ma sarx għal 5 snin għax kien ikun ħafna. Karl spjega li dan jirrifletti dokument li ingħata lid-dipartiment sabiex inaqqsu defiċit u jaqbel ukoll mal-budget li kien diskuss qabel. Karl qal li l-pjan hu li sa 2026 ikun hemm surplus. Daniel saqsa hekk nistgħux ninkludu l-masterplan fih ukoll u Matthew saqsa hekk nistgħux inżidu l-proġett tal-ġnien fi Triq Kavalerizza.<br><br>Fuq dan kien hemm qbil |
| 18.8 | **Financial Statements** |
| | Karl spjega li kien hemm xi aġġustamenti li ġew issuġeriti mill-awditur li kienu ġew aġġustati. Dawn kienu 8 biss. L-ewwel waħda tikkonċerna l-istale cheques, it-tieni double posting fuq street lighting, kien hemm ukoll invoice oħra doppja fuq tipping fees. Ir-raba' aġġustament kien jirrigwarda post li kienet taħt titlu u l-awdituri irrakomandaw titlu ieħor. Il-ħames aġġustament kien jirrigwarda il-Milied, dan għax daħlu l-invoices wara li għalqet is-sena. Kien hemm ukoll aġġustament fuq l-performance bonus tal-ES preċedenti kif ukoll aġġustament fuq l-outdoor gym.<br><br>Karl spejga ukoll li kien hemm 4 reclassifications minn titlu għal ieħor fostom:<br>1. Green community allowance |

| | |
|---|---|
| | 2. Outdoor gym<br>3. Urban Improvements<br>4. Dog Park<br><br>Fuq dawn l-aġġustamenti kien hemm qbil minn kulħadd.<br><br>Karl kompla li l-FS finali għal 2024, kien hemm operating loss fi 2024 ta' 93K. Bħala Kunsill żied l-income u naqqas il-loss. Il-fatt li din is-sena m'hemmx tipping fees għandu jgħin ukoll l-FS. Il-Fixed Assets żdiedu, receivables naqqsu u anke l-cash u retained earnings, u l-FSI għadu negattiv. Matthew ġibed l-attenzjoni li kien hemm qabża rigward kredituri bejn 2023 u 2024. Karl ikkonferma. Matthew qal li kien hemm reġjun li ma kienx qed jistenna ħlas għal rejects. Id-DES wieġbet li lanqas ir-Reġjun tagħna.<br><br>Fuq dawn il-Financial Statements kien hemm qbil. |
| | |
| **18.9** | **Talba għal Sunbeds** |
| | Il-Kunsill irċieva email mingħand operatur fejn dan talab għal permess sabiex jopera servizz ta' kiri ta' umbrelel u sunbeds fil-bajja tal-magħluq. Il-Kunsill ma aċċettax din il-proposta. |
| | |
| **18.2** | **Kommunikazzjoni mis-sindku** |
| | Is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-community police fejn ġew diskussi diversi sitwazzjonijiet li l-kunsill qed jiltaqa' magħhom. |
| | Is-Sindku informa li fit-8 ta' Lulju kellu laqgħa mal-On. Zerafa Ċivelli kif ukoll mal-On. Bonniċi fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kunsill |
| | Is-Sindku informa li hu u DES kienet saret laqgħa mal-REO tal-LESA fuq Mxlokk. |
| | Is-Sindku informa ukoll li kien ħareġ it-tender tal-Għajn tal-Ħasselin. |
| | Is-Sindku informa wkoll li kien ser isir xi xogħol fuq in-niċċa tar-redentur u niċeċ tax-xatt. |
| | Is-Sindku informa li l-proċess tat-tender tal-vann ġie magħluq u għalhekk saqsa lil Matthew sabiex jitkellem dwaru. Matthew qal li għal dan il-vann elettriku kien hemm offerta waħda. L-budget tal-kunsill kien ta 39K vat mhux inkluż. Il-bord kien qed jissuġerxxi li l-bid tiġi aċċetta peress li kienet cheapest technically complaint, b'budget ta Euro 32K għal Van Citroen E-Berlingo.<br><br>Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-kumitat tal-għażla (TEC) |
| | Is-Sindku spjega li kien hemm bżonn jinħareġ tender għal assistenza tal-IT. Għaldaqstant il-kunsill qabel li jinħareġ dan it-tender. |
| | Is-Sindku spjega li kien hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni fuq it-tender tal-Bulky refuse. Id-DES saqsiet il-Matthew hekk kienx ġab l-informazzjoni mingħand id-DIER u hu qal li ma kienx hemm għalfejn għax kien bagħat email bil-liġi u |

| | |
|---|---|
| | eżempji oħra ta' kunsilli oħra. Id-DES qalet li hi kella informazzjoni li wieħed mit-tenders li bagħat Matthew kien waqa' minħabba li fuq il-bord tal-għażla kien hemm avukat li meta mistoqsija qalet li kien hemm bżonn din il-liċenzja.<br><br>Għaldaqstant is-sindku qal li it-tender għandu jinħareġ kif kien. Matthew ma qabilx ma din id-deċżjoni filwaqt li l-kunsilliera l-oħra qablu. |
| | Is-Sindku talab lid-DES tispjega rigward sejħa għal impjegat amministrattiv. Id-DES spjegat li peress li fl-aħħar sena kienu telqgħu 2 ħaddiema klerikali, bħalissa kienu qed jiġu sostitwiti minn ħaddiema tal-RSSL u studenta li kienet se tibqa' mal-kunsill sa' Settembru. Għaldaqstant hi kienet qed tissuġġerixxi li tinħareġ sejħa skala 16 għal impjegat amministrattiv.<br><br>Fuq dan kien hemm qbil. |
| | Is-Sindku informa li Triq Bartelemy kienet ser tinqala u tinghata tarmak. Filwaqt li Triq Duncan kien ser tiġi tranġata sleeping police avolja Sindku u Reno ma qablux li din ir-rampa titwessax u titbaxxa. |
| | Is-Sindku informa li għal Jum Marsaxlokk kienu ser isiru dawn l-attivitajiet. Il-Ġimgħa 19 ta' Settembru Fish Fest, is-Sibt 20 quddiesa filgħaxija, u il-Ħadd 21, ma kienx ser ikun hemm monti u ssir attività filgħaxija.<br><br>Matthew stqar li hu ma jaqbilx li Jum Marsaxlokk ikun abbinat mal-Fish Fest. Daniel qal li qabel kien isir f'April fi żmien il-fireworks festival. Ma kienux jiġu nies meta ma kienx ikun allaċċat ma' xi festival.<br><br>Fuq id-dati u l-attivitajiet kien hemm qbil. |
| | Is-Sindku spjega li l-cameras tal-Magħluq ma kienux qed jaħdmu u ma setgħux isibu x'kienet il-problema sa anke intbgħatu barra. Għaldaqstant is-supplier kien qed jissuġġerixxi li jsiru cameras iktar avvanzati għal żieda fil-prezz ta' Euro 162 + VAT il-waħda. Fuq dan kien hemm qbil |
| | Is-Sindku informa li l-kunsill kien irċieva email fuq bicycle racks li jitħallsu kompletament. Għaldaqstant il-kunsill kien se jibat il-proposat tiegħu. |
| | Id-DES spjegat li l-kunsill kien irċieva lment mingħand sinjura fuq tabelli. Dan għaliex twaħħlet tabella mal-ħajt tas-sinjura, u oħra fil-kantuniera fuq pole. Is-sinjura ma ridetx il-pole tal-isem tat-triq imwaħħal quddiem it-tieqa tagħha u lanqas mal-ħajt tagħha. Il-kunsill qabel li l-isem tat-triq li kien imwaħħal mal-ħajt tagħha jinqala' u jitpoġġa fuq pole. Fil-waqt li fuq l-ieħor id-DES qalet li ma kienx hemm fejn jimxi peress li taħt il-bankina kine hemm ħafna servizzi għaddejjin.<br><br>Fuq dan kien hemm qbil |
| | Is-Sindku qal li kien hemm bżonn li jitwaħħlu l-cameras fi Triq il-Barrakki minħabba li ħafna karozzi kienu qed jgħaddu one way u kienu ser joħolqu inċident. Il-kunsill diġà waħħal it-tabelli neċessarji.<br><br>Fuq dan kien hemm qbil, kif ukoll li jitwaħħlu mas-sistema tal-LESA |
| **18.12** | Festa 2025 – is-sindku iddiskuta l-ħinijiet tal-għeluq tat-toroq mal-kunsilliera. Hu informa ukoll li kien ser isir devjazzjoni fit-trasport pubbliku. |
| | Is-Sindku qal li kienet daħlet talba għal donazzjoni mill-banda. Il-Kunsill qabel li ssir donazzjoni fuq ħlas ta' kiri ta' sound għas-somma ta' Euro 500 |

| | |
|---|---|
| | |
| **18.10** | **Suġġeriment għat-tibdil tal-ħin tal-ġbir tal-iskart** |
| | Is-Sindku qal li ir-reġjun kien qed jiġbor opinjonijiet fuq il-ħin tal-iskart jibda jsir filgħaxija. Minħabba li lokal hu post turistiku l-kunsill qabel li l-ħin jibqa' kif inhu. |
| | |
| **18.4** | **Approvazzjoni tal-pagamenti u petty Cash** |
| | L-iskeda tal-pagamenti kif ukoll dik tal-petty cash ġie approvat unanimament |
| | |
| **18.3** | **Mistoqsijiet** |
| | Daniel saqsa kif qed joħorġu l-permessi tal-karavanns. Is-Sindku wieġeb li barra s-size tal-karavan, il-kaxxa talloka spazju żgħir sabiex jintramaw mejda u xi siġġijiet. Il-bankina ma tistax tiġi ingumrata |
| | Matthew saqsa hekk jistax jinżabar il-ħaxix ta Triq l-iskola l-Antika u Triq il-Laboru. Is-sindku wieġeb li iva.<br>Matthew qal li kien hemm bżonn li ssir iż-żebra crossing ħdejn il-furnar. Is-Sindku wieġeb li hemm talba ma' TM<br>Matthew saqsa fix waslu l-byelaws. Id-DES spjegat li tal-latrini kienet għand id-DLG filwaqt li tal-monti kien hemm bżonn li jiġu modifikati xi affarijiet.<br>Matthew saqsa ukoll kif il-kunsill kien qed jaffaċja l-problema tas-sound u l-entertainment. Is-Sindku wieġeb li restaurant imsemmi kien ingħata l-aħħar ultimatum. Matthew issuġġerixxa ukoll li fejn l-għar l-aħmar jiżdiedu xi showers u parkings. Is-sindku qal li la tissewwa t-triq nitkellmu dwar dan. |
| | |
| **18.5** | **Kuluri tal-umbrelel f'Xatt is-Sajjieda** |
| | Peress li kien sar il-ħin, din l-item kienet ser titressaq fil-laqgħa li jmiss |
| | |
| **18.6** | **Għeluq tax-Xatt is-Sajjieda fi żmien il-festa** |
| | Fuq dan ittieħed vot u kien hemm qbil |
| | |
| **18.11** | **Planning Authority** |
| | Daniel informa li fi Triq ta' Silġ kien hemm applikazzjoni għal żvilupp bi 8 sulari, wara li kien hemm oġġezzjoni din ġiet rektifikata |

| | |
|---|---|
| | Daniel qal ukoll li fi Triq iż-Żejtun kien hemm refresh tal-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel li jerġa joġġezzjona.<br><br>Daniel qal li fuq il-barumbara kien hemm appell u għalhekk kien ikun għaqli li l-kunsill iqabbad avukat. Fuq dan kien hemm qbil.<br><br>Matthew qal li kien hemm applikazzjoni mal-PA li ma ġietx quddiem il-kunsill. Din kienet fuq binja max-xatt. Daniel iddikjara konflitt ta' interess. Matthew qal ukoll li l-kunsill ried li max-xatt jintuża injam u l-kuluri tal-luzzu. Matthew qal ukoll li l-binja kienet ser tgħola. Daniel qal li l-kamra kienet se tirtira iktar lura u allura ma kienetx ser tidher mix-xatt. Matthew qal ukoll li l-aperturi tal-binja ma kienux kif suppost filwaqt li Daniel wieġeb li l-aperturi kienu ħa jibqu kif inhuma.<br><br>Is-Sindku qal li kien ser jerġa jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex l-aperturi fix-xatt isiru tal-injam u bil-kuluri tradizzjonali |
| | |
| | Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta ta' 2000. Il-Laqgħa li jmiss kienet ser issir nhar id-12 ta' Awwissu fl-16.30. |

Konfermati, illum 12 ta' Awwissu, 2025.

**IFFIRMATA** 

______________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

______________________

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

______________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

______________________

***Sekondant***